MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 36/2003/1

**Henri Darmanin**

**vs**

**Albert Cortis u l-Kummissjoni Elettorali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Henri Darmanin tat-12 ta' Frar, 2003;

Rat id-decizjoni tal-Ufficjal Revizur tal-5 ta' Frar, 2003;

Rat il-verbali registrati fl-udjenza tal-lum;

Peress li l-fatt li l-Bord Mediku ghadu ma espletax il-kompitu tieghu skond il-ligi ma jistax jippregudika lir-rikorrent, u peress li ghalhekk l-Ufficjal Revizur ma setax jiddeciedi r-rikors qabel ma jisma' lill-istess Bord Mediku;

Tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Ufficjal Revizur tal-5 ta' Frar, 2003, tqieghed lill-partijiet fl-istess posizzjoni li kienu minnufih qabel ma nghatat id-decizjoni li bih ir-rikors gie michud, u tordna li l-atti jigu mibghuta minnufih lura quddiem l-Ufficjal Revizur sabiex jipprocedi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------